**Santa Luċija**

**Minuti**

**Disà Leġislatura**

**Laqgħa Numru 03/2024**

**21 ta' Awwissu 2024**

**Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-5:15 p.m.**

PREŻENTI:

Charmaine St John – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Liam Sciberras – Kunsillier
Kylie D'Amato – Kunsillier
Connie Debattista - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

NIL

ASSENTI
NIL

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Bernice Darmanin – Segretarju Eżekuttiv

MINUTI:

## 3.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

Is-Seduta bdiet 15-il minuta tard minħabba problemi tekniċi fil-livestreaming.

Is-Sindku awgurat lill-Luċjani l-festa t-tajba.

Is-Sindku flimkien mal-Kunsilliera sellmu l-memorja tal-Inġinier Robert Schembri.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ma kien hemmx qari tal-ittri ta' apoloġija.

## 3.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Il-Minuti tal-Laqgħa 02-24 IX, ġew iċċirkolati qabel is-seduta u għaldaqstant ġew meqjusa bħala moqrija. Il-minuti ġew approvati unanimament bil-Kunsilliera Kylie D'Amato tipproponi u l-Viċi Sindku jissekonda.

## 3.3 Rapporti

### 3.3.1 Reply to Managment Letter 2023 u Quaterly Report 1 2024

Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat x'inhi eżatt ir-Reply to Management Letter, fejn din l-ittra hija rapport ta' x'ser jagħmel il-Kunsill fuq il-Management Letter 2023 tal-awdituri Grant Thornton.

Emendment fil-Minuti (immarkati bl-aħmar il-miżjud jew maqtugħin):

Mistoqsijiet mill--Kunsillier Liam Sciberras:

1. Staqsa dwar update milllaqgħa ta' qabel re item nr. 3 rigward il-Management Letter 2023 li fih jissemma l-ammont ta €60,304 li fuq il-kotba talkunsill ma jaqblux.

2. Staqsa dwar item nr. 3.2 taistess rapport, wara li diversi mistoqsijiet mwieġba mill-Kunsillier Sciberras li ressaq fil-laqgħa ta' qabel. Huwa ċċara li hu ma ddeċidiex li dan l-ammont jiġi written off fl-ebda laqgħa. Min ħa d-deċizjoni li jiġu written off?

3. Talab biex isir spot checks tal-invoices sabiex tiġi ċċarata s-sitwazzjoni fuq dan is-suġġett.

Wara l-mistoqsijiet ta hawn fuq, il-Kunsill qabel li ninfurmaw lill-Awdituri u l-Gvern Lokali li l-FAR ser jiġi aġġornat kif mitlub. Fir-rigward tas-€60,000 li ġew written off tal-Wasteserv, il-Kunsill Lokali ~~amministrazzjoni~~ diġà bdiet tagħmel kuntatt mal-entitajiet ikkonċernati (Wasteserv, Grant Thornton, l-Accountant tal-Kunsill u l-NAO) sabiex jiġi spjegat iktar dwar is-sitwazzjoni. Fl-istess waqt, l-amministrazzjoni, trid tiċċekja l-invoices li saru, lil min huma dovuti dawn il-flus u kif ġie maħdum dan l-ammont.

Għalhekk ir-Reply to Management Letter 2023 ġiet approvata unanimament.

Il-Quaterly Report 1 ġie iċċirkolat minn qabel, iżda minħabba raġunijiet personali l-Accountant tal-Kunsill ma setgħetx tkun preżenti sabiex dan jiġi spjegat.

## 3.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

3.4.1 Fiż-17 ta' Lulju 2024 u fit-12 ta' Awwissu 2024, is-Sindku kellha l-laqgħat li jsiru kull xahar **mal-Pulizija.** Ġew diskussi diversi punti fosthom: li ser iżiedu l-patrol minħabba sewqan perikoluż, overspeeding, parkeġġ illegali, l-hotspots ta' fejn jiġi mormi skart illegali u d-dħul u l-ħruġ tat-tfal miż-żewġ skejjel li hemm fil-lokalita.

3.4.2 Is-Sindku rċiviet talba mingħand ir-**Right 2 Smile** sabiex fit-30 ta' Novembru 2024 jorganizzaw attività fil-Gazebo. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.4.3 Is-Sindku, wara suġġeriment tal-Kunsilliera D'Amato, infurmat li se jibdew isiru **football sessions** kull nhar ta' Ħadd fil-5 a side. Kull session ser tiswa lill-Kunsill €25, iżda għar-residenti tkun mingħajr ħlas. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.4.4 Is-Sindku infurmat li għamlet talba lill-**LESA għall-istatistika tal-multi** li saru relatati ma' skart. Bħala statistika ma kinitx sodisfaċenti minħabba li bis-CCTV cameras ma tkunx taf id-dettalji tal-persuna. Il-Kunsill qabel li f'dan l-istat aħjar jiġu mqabbda Green Wardens milli CCTV cameras.

3.4.5 Is-Sindku infurmat li llum, 21 ta' Awwissu 2024, Infrastructure Malta bdew ix-**xogħlijiet tal-Belishia Lights** relatati mal-approvazzjoni tat-Transport Malta tas-sena 2019 fi Triq Katarina Vitale.

3.4.6 Is-Sindku kellha laqgħa mas-Surmast **Christopher Higgins** nhar it-12 ta' Awwissu 2024 fejn ġew diskussi diversi punti. Fost dawn iddiskutew il-preżenza tal-uffiċjali, speċjalment fil-ħinijiet tal-ħruġ tal-iskola. Is-Sindku għamlet agreement verbali sabiex bħala kunsill lokali nkunu nistgħu nużaw l-istage tal-iskola mingħajr ħlas. Bħala Kunsill ser ningħaqdu mal-iskola għal Sports European Week. Ser issir kampanja mill-Kunsill Lokali flimkien mal-iskola rigward eżempju kif għandek taqsam.

3.4.7 Is-Sindku infurmat li hi u l-Kunsilliera Debattista fit-18 ta' Lulju 2024 attendew għal-laqgħa fuq l-iSkema tal-**Cat Feeters.** Waqt il-laqgħa, il-Kunsilliera Debattista, spjegat l-iskema lill-Cat Feeders lokali.

3.4.8 Is-Sindku infurmat li l-Kunsill irċieva skema għall-**European Sports Week 2024**. Ser tiġi organizzata Aerobics Session, kif ukoll logħob tradizzjonali mal-Active Ageing, mat-tfal tal-iskola u mar-residenti. Għal din l-attività s-Sindku infurmat li ser jingħata token lil min jipparteċipa.

3.4.9 Is-Sindku irċiviet talba mingħand persuna sabiex jitwaħħlu 6-7 **Flame trees** ħdejn il-girna u Pjazza ta' Bertu. Il-Kunsill qabel unanimament.

Il-Laqgħa ġiet sospiża għal ftit minuti.

3.4.10 Is-Sindku infurmat li l-Kunsilliera Debattista għaddiet xi suġġerimenti rigward attivitajiet tal-**Milied**. Is-Sindku issuġġeriet li jinħoloq sotto-Kumitat li jinkludi s-Sindku, l-Kunsilliera D'Amato u s-Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill għandu jiġi infurmat bid-deċiżjonijiet li jittieħdu f'dan is-sotto kumitat. Il-Kunsill qabel unanimament

3.4.11 Is-Sindku rċiviet talba sabiex tiġi mnaqqsa **bankina fi Triq Helen Buhagiar.** Il-Viċi Sindku ma qabilx li din tiġi mnaqqsa peress li din saret bi skop. Is-Sindku ser titlob għall-opinjoni tat-TM.

3.4.12 Is-Sindku infurmat dwar l-emendment li sar fil-**Legal Notice rigward id-distanza tal-ħruq tan-nar fl-ajru li ġiet imnaqqsa għal 20m l-bogħod mis-siġar protetti**. Il-Kunsillier Sciberras kien japprezza li kieku ġie mitlub parir lilu bħala avukat b'mod volontarju mingħajr ma jitlob xi ħaġa lura. Is-Sindku infurmatu li ma ħaditx l-opinjoni tiegħu bħala avukat, minħabba li huwa Kunsillier; bil-Viċi Sindku jinforma li l-opinjoni tiegħu hija imparzjali. Saret premura li f'Marzu – April 2025 jsir l-Impact Assessment tan-Nar.

3.4.13 Is-Sindku infurmat li s-Santa Luċija FC infurmawha li rigward il-**parkeġġ tal-futbol,** għadu kif ġie iffirmat kuntratt minn Santa Luċija FC ma' kumpanija privata. Il-Kunsillier Sciberras qed jitlob li jkollna kopja ta' dan il-kuntratt. Is-Sindku infurmat li ġa qegħda tiċċekja ma diversi awtoritajiet dwar dan il-ftehim. Is-Sindku qegħdha wkoll f'kuntatt mal-kappillan sabiex niġu mgħotija aċċess għall-parkeġġ għar-residenti.

**3.4.14** Is-Sindku infurmat li sabiex titmexxa l-**BCRS** machine minn fejn qedha ser tiġi tiswa lill-Kunsill €3000. Il-Viċi Sindku ma qabilx li titmexxa jekk ma tkunx mingħajr ħlas. Is-Sindku infurmat li qed titkellem ma diversi awtoritajiet sabiex titmexxa mingħajr spejjeż għall-Kunsill. Il-Kunsill qabel li ma għandux iħallas mill-fondi tiegħu sabiex titmexxa.

**3.4.15** Is-Sindku infurmat li rċiviet proposta mingħand il-Kunsilliera D'Amato għal**l-Communication Skills Workshop** għar-residenti mingħand għalliema privata. IL-Kunsill qabel li d-dettalji tagħha jinżammu għal referenza futura.

**3.4.16** Is-Sindku infurmat li l-Kunsill irċieva l-agreement mingħand il-**Malta Libraries**. Il-Kunsill qabel unanimanet ma dan il-kuntratt.

**3.4.17** Is-Sindku flimkien mal-Kunsilliera D'Amato kellhom laqgħa mac-CEO tal-**ESkills**. Ser isir kors mingħajr ħlas. Il-Kunsill approva li jiġi provdut s-servizz tat-trasport tal-Kunsill. Ic-CEO għamel talba sabiex jiġu organizzati diversi lezzjonijiet fil-Ġnien Ċiniż. Il-Kunsill qabel unanimanet anke minħabba li ser iħallas tal-użu tal-ġnien.

**3.4.18** Is-Sindku infurmat li rċivejna proposta għal riklamar fuq **OurWedding.** Il-Kunsill qabel li dan ma jiġix imġedded.

**3.4.19** Is-Sindku infurmat li nhar l-14 ta' Awwissu 2024, hi u s-SE attendew għal laqgħa mac-CEO ta' **Infrastructure Malta** fejn għaddewlu s-snag lists preċedenti u ġodda. Is-Sindku infurmat ukoll lill-Kunsill li għamlet talba biex IM jgħinu fit-tindif tal-spralli u li ġiet approvata. Ser jiġi involut ukoll il-perit mqabbad minn IM għall-ideat innovativi għal diversi proġetti, fosthom għall-iskema li ser tinħareġ dalwaqt.

6.45pm Is-Seduta ġiet mwaqqfa għal 10 minuti

**3.4.20** Is-Sindku flimkien mal-Kunsilliera Debattista u l-kappillan qed jorganizzaw l-attività tat-**Tberik tal-annimali**. Din se ssir fis-6 ta' Ottubru 2024 f'nofsinhar. Se jipparteċipaw diversi għaqdiet. Il-Kunsill qabel unanimament.

**3.4.21** Is-Sindku talbet għall-quotes tal-**lapel pins tad-deheb**, fejn persuna waħda bagħtitilna għal prezz ta' €335-il waħda. Ser jiġu ordnati 3 għal Viċi Sindku u l-Kunsilliera D'Amato u Debattista.

**3.4.22** Is-Sindku infurmat li l-Kunsill irreġistra mal-Planning Authority għal **PA/5910/23.**

**3.4.23** Is-Sindku nfurmat li l-Kunsill irċieva mingħand **TM** fuq diversi applikazzjonijiet li saru mill-Kunsill. Ġew approvati l-Communal Reserved Parking għal Triq Ines Soler, il-Humped Belisha Crossing ta' Dawret it-Torri u Triq Begonia. Ma ġewx approvati r-Rumble Strip ta' Triq Katarina Vitale.

**3.4.24** Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li ser napplikaw għall-iskema **SPI SCI 04 2024**. Il-Proġett li ser napplikaw għalih huwa sabiex ntejbu l-użu tal-Gazebo li jinkludi raised flooring, arja kkundizzjonata, siġġijiet, kif ukoll sabiex jiġi mibdul id-dawl total ta' €31,000.00 Il-Kunsill qabel unanimament.

**3.4.25** Is-Sindku rċiviet talba għall-**handrail** għal wara Block B u C u ser tiċċekkja personalment dwarha.

**3.4.26** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li normalment kienet taħdem bi 3 **evalwaturi** newtrali. Il-Kunsilliera qablu li jibqgħu huma bħala evalwaturi u meta jkun hemm bżonn titqabbad persuna esperta.

**3.4.27** Is-Sindku infurmat li rċivejna talba mingħand **DONINU** Malta. Peress li mhix għaqda reġistrata, il-Kunsill qabel li ser jgħin b'mod limitat.

**3.4.28** Is-Sindku talbet biex l-applikazzjoni ta' skrivana tinqaleb minn **part timer** għal full timer peress li x-xogħol żdied. Il-Kunsill qabel li nagħtu ċans għall-ħinijiet tax-xitwa, kif ukoll is-SE jibda full time fl-uffiċju u naraw kif imorru.

**3.4.29** Is-Sindku infurmat li rċiviet talba mill-Kunsilliera D'Amato għal **xogħol volontarju** ta' darba maż-żwiemel abbandunati. Il-Kunsill jipprovdi t-trasport, ikel u xorb. Il-Kunsill qabel unanimament.

**3.5.30** Is-Sindku u l-Kunsillier Sciberras fis-17 ta' Awwissu 2024, kellhom laqgħa mal-Kuntrattur tal-**latrini**. Ġew diskussi diversi punti, fosthom li jsiru timesheets mill-kuntrattur, inventorju ta' x' prodotti juża biex inaddaf u nappy changers.

**3.5.31** Is-Sindku infurmat li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-**European Week for Waste Reduction 2024**. Din il-korrispondenza ser tiġi diskussa via email biex naraw għal xhiex ser napplikaw.

**3.5.32** Is-Sindku irċiviet talba sabiex isiru lezzjonijiet tal-line dancing fil-gazebo. Is-Sindku ser tagħmel kuntatt miegħu sabiex jibgħat aktar informazzjoni. Ir-risposta tiegħu tiġi mibgħuta b'Memo.

**3.5.33** Is-Sindku infurmat li ġbarna l-kwotazzjonijiet tal-board games għall-librerija. Hemm ċertu logħob li ssibu biss mingħand supplier wieħed. Il-Kunsilliera qablu b'mod unanimu għal-irħas offerta. Qablu wkoll li l-logħob għandu jibqa' fil-librerija u jinħareġ biss bil-permess tal-Kunsill.

**3.5.34** Is-Sindku għaddiet l-iskeda l-ġdida tal-Knis. Din saret wara laqgħa li hi kellha mal-kuntrattur u l-Kunsillier Sciberras. L-iskeda ġiet approvata unanimament.

**3.5.35** Is-Sindku irċiviet talba biex tmur għall-konferenza ġewwa ċ-Ċina. Il-Kunsill qabel li jmur minn qatt ma mar qabel, għalhekk ġew approvati l-Kunsilliera D'Amato, Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill approva li joħroġ l-ispiża tal-flights ta' żewġ persuni.

**3.5.36** Is-Sindku infurmat li trid issir il-Laqgħa Annwali bil-Pjan ta' Ħidma għal dawn il-5 snin, peress li din is-sena hija l-ewwel sena ta' leġislatura ġdida. Is-Sindku infurmat li ssir fl-istess ġurnata tas-seduta, kif isir issoltu. Il-pjan ta' ħidma kull kunsillier jgħaddi tiegħu u jingħaqad b'mod kollettiv. Ħabba li żmien qiegħed jagħfas il-Kunsilliera qablu li nagħmlu talba lid-Dipartiment għall-estensjoni.

## 3.6 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

3.6.1 **Il-Kunsilliera D'Amato** għamlet talba biex il-Kunsill iwaħħal tinda ħadra fil-basketball court minħabba x-xemx. Is-Sindku qablet. Staqsiet fejn wasal il-proġett tal-iSmart Playground bir-risposta tas-Sindku tkun li t-tender qed tiġi mibnija. Staqsiet ukoll dwar jekk jistax isir End of Summer Party għat-tfal. Is-Sindku qalet li ser tiċċekja mar-Reġjun għal darb'oħra għaliex issa daħal wisq iż-żmien biex tiġi organizzata.

3.6.2 **Il-Kunsillier Sciberras** staqsa kemm-il darba tiġi mnad.dfa l-magna tal-BCRS. It-tbattil u l-knis isiru bejn 6-7 darbiet kuljum. Id-Dipartiment tat-Tindif u l-Manutenzjoni jieħu ħsieb ċertu tindif u l-kuntrattur privat jaħsel darbtejn fil-ġimgħa.

3.6.3 **Il-Kunsillier Sciberras** staqsa dwar il-Water Fountains ta' Catch the Drop Campaing għaliex mhux jaħdmu, u s-Sindku infurmat li ser jieħdu ħsiebha IM.

3.6.4 **Il-Kunsillier Sciberras u Debattista** staqsew dwar ir-rondi tal-pulizija. Il-Kunsillier Sciberras talab l-ismijiet tat-toroq fejn jagħmlu r-rondi. Is-Sindku infurmat li dik hija t-tweġiba tagħha u l-mod kif inkitbet r-risposta qisha ma xtaqietx tagħti l-ismijiet tat-toroq u r-rendikont tagħha lis-superjuri tagħha trid tagħtih.

3.6.5 **Il-Kunsillier Sciberras** talab għad-dokumenti u kuntratti relatati mar-responsabbiltajiet tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatu li ċertu informazzjoni qegħda tinġabar minħabba l-handover.

3.6.7 **Il-Kunsillier Sciberras** talab għall-iskeda tat-tindif, tal-ħasil u tat-tisqija. L-iskeda tat-tindif digà kienet għandu. Xtaq ikun jaf min qed jagħti d-direzzjoni fi x'ħin issir it-tisqija. Dan minħabba li t-tisqija qed issir wara nofsinhar u qed tagħmel ħsara lill-pjanti. Is-Sindku infurmat li ser tiċċekja mal-kuntrattur. Fl-istess waqt is-Sindku infurmatu li sabiex ċertu ilmenti/mistoqsijiet jiġu mgħoddija meta jinqalgħu u mhux jistennew sas-Seduta.

### 3.7 Mozzjoni b'Urġenza mis-Sindku

3.7.1 Peress li s-seduta ma tlestitx, is-Sindku talbet għal estenzjoni tal-laqgħa minħabba li kienu se jgħaddu t-tliet siegħat skont il-liġi . Il-Kunsillier Sciberras u il-Viċi Sindku ma setgħux jestendu. Il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa tiġi aġġornata għas-seduta li jmiss.

3.7.2 Is-Sindku għamlet mozzjoni biex ngħaddu għal-iskeda ta' pagamenti. Il-Kunsill qabel.

### 3.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Is-Sindku ressqet l-skeda tal-pagamenti għall-approvazzjoni tal-Kunsilliera. Il-Kunsillier Sciberras ippropona u ssekonda l-Viċi Sindku.

### 3.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fit-8.00pm u ġiet aġġornata għall-nhar il-Ħamis 26 tax-xahar ta' Settembru 2024 fil-5.00pm.

Konfermati, illum 26 ta' Settembru 2024.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| ______________________________ | ______________________________ |
| Charmaine St John<br>Sindku | Bernice Darmanin<br>Segretarju Eżekuttiv |